# Rapport ta' Ħidma

Leadership Committee

## 2008 - 2009



Assemblea Ġenerali
26 ta' April 2009

CAM YOUTHS

**Leadership Committee**
Brian Gauci
Karm Debattista mssp
Kenneth Fiteni
Renzo Kerr Cumbo
Steve Falzon

## Rapport ta' Ħidma (2008 – 2009)

F'isem il-Leadership Committee (LC) preżenti nippreżentaw dan ir-rapport ta' ħidma matul it-tieni sena mill-ħatra tagħna.

Qabel kollox nixtiequ nirringrazzjaw lill-membri kollha li tawna s-sapport tagħhom biex aħna nkunu nistgħu naqdu dmirna aħjar. Grazzi ħafna.

Mill-aħħar Assemblea Ġenerali 'l hawn, jiġifieri mill-17 ta' Frar 2008, l-LC kompla jiltaqa' kważi kull ħmistax, kemm waħdu kif ukoll ma' individwi jew entitajiet oħra fi ħdan u barra ċ-ĊAMYouths. Minkejja din il-frekwenza, xorta nħossu li niltaqgħu kemm niltaqgħu qatt mhu biżżejjed. Fl-istess ħin komdi mal-fatt li tajna enerġija u ħin kemm stajna.

Din is-sena ma kienetx sena faċli; kellna quddiemna diversi sfidi ta' proġetti u proċessi ġodda kif ukoll oħrajn li xtaqna nkompluhom u nwettquhom bħas-snin ta' qabel. Illum nistgħu ngħidu li xi wħud twettqu u kienu suċċess, oħrajn ħadu ż-żmien u għadhom fil-proċess filwaqt li oħrajn ma rnexxewx.

Fis-servizz tagħna xtaqna li nżommu relazzjoni mal-komunitajiet u entitajiet fi ħdan iċ-ĊAMYouths permezz ta' komunikazzjoni kontinwa u trasparenza, u xtaqna li kemm jista' jkun nagħtu aktar opportunità lill-membri differenti u ġodda. U dan inħossu li kemm jista' jkun żammejna miegħu. Kien għalhekk li dejjem ippruvajna li l-individwu jkun jaf li aħna konna qed nikkunsidrawh għal rwol partikulari minkejja li konna nafu li dan jista' jgħid le minħabba raġunijiet validi. Xtaqna wkoll li nkomplu naħdmu biex tikber l-appartenenza fost il-membri lejn iċ-ĊAMYouths, u naħseb dan qed niksbuh permezz ta' ħafna inizjattivi li diversi entitajiet fi ħdan iċ-ĊAMYouths qed jagħmlu minn żmien għall-ieħor.

Kemm jista' jkun żammejna wkoll ir-rwol partikulari biex hekk ikun hemm iktar direzzjoni ċara bejnietna l-LC. Ir-rwoli li assumejna kienu hekk:

- Kenneth u Steve – relazzjonijiet interni (fi ħdan iċ-ĊAMYouths);
- Fr. Karm – relazzjonijiet esterni (ma' entitajiet barra ċ-ĊAMYouths);
- Renzo – premises u webteam; u
- Brian – koordinatur tal-LC.

## Ħidma mwettqa s'issa u maħsuba għall-ġejjieni:

### 1. Rwoli Partikulari

1.1 wara li aċċettajna l-istedina mill-Kummissjoni Djoċeżana Żagħżagħ (KDŻ) biex flimkien mal-iSPYS norganizzaw żewġ avvenimenti importanti – waħda f'Mejju u l-oħra f'Settembru – fejn l-Arċisqof ta' Malta Pawlu Cremona ltaqa' mal-gruppi li matul l-2008 għamlu volontarjat jew xogħol ta' missjoni kemm f'Malta kif ukoll barra minn xtutna, kellna lil

Marie Claire Testa (NRG), Sarah Borg (NRG), Sarah Pace (Equinox), Ann Fenech (Equinox) u Brian Gauci (Jóvenes) li daħlu għal din l-inizjattiva flimkien ma' membri mill-iSPYS u ħadmu biex dawn iż-żewġ appuntamenti kienu suċċess.

1.2 appuntajna lil Marie Claire Testa (NRG) bħala l-EU Opportunities Coordinator biex tieħu ħsieb tikkordina l-opportunitajiet immensi li hemm għaż-żgħażagħ fi ħdan l-EU. Grazzi Marie Claire tax-xogħol tiegħek f'dan il-qasam. Marie Claire ħadet dan ir-rwol minn Etienne Micallef (Jóvenes) li telaq fuq xogħol lejn l-Ingilterra. Minn hawn insellmu lil Etienne u nirringrazzjawh tas-sehem tiegħu u talli minkejja d-distanza xorta offra li jibqa' bħala r-rappreżentant taċ-ĊAMYouths fil-pjattaforma tal-NGDOs (SKOP).

1.3 Darren Micallef (Stripes) aċċetta li jerġa' jkun it-Teżorier taċ-ĊAMYouths wara li Jonathan Spiteri (Clusters) ta r-riżeja tiegħu minħabba raġunijiet validi. Biex it-Teżorier ikun jista' jassumi dan ir-rwol talab li jkollu assistenza u fil-fatt Corinne Monteford (Equinox) u Marie Claire Falzon (Crossroads) aċċettaw biex jgħinu, waħda biex tassisti fl-accounts taċ-ĊAMYouths in ġenerali u l-oħra biex tgħin fl-accounts ta' Napli. Minn hawn nieħdu l-okkażjoni biex nirringrazzjaw lil Jonathan tas-servizz li ta.

1.4 appuntajna PDT-Napli ġdid biex jgħin fil-preparazzjoni tal-grupp li tela' Napli fis-Sajf li għadda. Dan kien magħmul minn Fr. Karm Debattista mssp, Fr. Martin Galea mssp, Kevin Grech (Stripes), Agnes Cachia Picard (Sin Fronteras) u Adrian Żahra (Jóvenes). Grazzi tas-sehem tagħkom biex dan il-grupp seta' jiġi ffurmat.

1.5 biex jitla' mal-grupp ta' Napli kellna lil Diane Mifsud (Equinox) u Mark Busuttil (Equinox) bħala l-Coordinators u lil Fr. Silvio Bezzina mssp biex jgħin fl-aspett spiritwali. Grazzi lilkom ukoll talli dħaltu għal dan ir-rwol b'impenn sħiħ.

1.6 Kellna lil Doreen Saliba (Stripes), Chris Formosa (Amistad) u Ann Fenech (Equinox)li ħadu r-rwol ta' Leaders biex imexxu l-SJH08. Grazzi lil dawn in-nies li ħadu ħsieb il-koordinazzjoni ta' dan il-proġett.

1.7 ġew magħżula l-Coordinators taċ-ĊAMKamp 2008 – Adrian Żahra (Jóvenes) u Ann Fenech (Equinox) – li bl-assistenza ta' Justin Galea (Crossroads) irnexxhielhom jagħmlu l-mirakli biex f'qasir żmien jikkoordinaw dan l-avveniment importanti fis-sena taċ-ĊAMYouths;

1.8 ħtarna membru ġdid fis-Support Team – Denise Muscat (Jóvenes) – biex tieħu post Sarah Borg (li kienet tagħmel parti mill-NRG). Denise ngħaqdet ma' Audrey-Ann Vella (A-Teens), Stephanie Morana (Sin Fronteras), Andrew Camilleri (Equinox) u Jonathan Sammut (Equinox). Minn hawn ngħidu grazzi lil Sarah tas-servizz li tat kemm damet fis-Support Team.

1.9 minn dan it-tim twieled l-Activity Team li llum jinkludi fih lil Diane Mifsud (Equinox), Sarah Pace (Equinox), Simon Pace (Equinox), Ann Fenech (Equinox), Lisa Camilleri (Crossroads), Robert Facciol (Equinox), Clinton Azzopardi (Crossroads), Oriana Ghigo Said (Crossroads), Dorianne Galea (Takara), Rowena Caruana (Takara), Julian Bonnici (Zero6), u Clinton Tabone (Zero6). Naħseb ilkoll naqblu li dan it-tim flimkien mas-Support Team taw ħafna ħajja lil ĊAMYouths bl-attivitajiet li organizzaw. Prosit u grazzi.

1.10 appuntajna lil Sergio Morana (Sin Fronteras) u Doreen Saliba (Stripes) biex jgħinu fit-taħriġ ta' membri miċ-ĊAMYouths li potenzjalment jistgħu jassumu r-rwol ta' Guide u fil-fatt dawn ħejjew programm ta' taħriġ (GTO) u offrew dan it-taħriġ lil grupp żgħir ta' membri. Sergio u Doreen fasslu programm ieħor, *Guides In Action* (GIA), għall-Guides li diġà assumew dan ir-rwol. Fil-fatt dan il-programm ta' taħriġ ser jingħata lill-Guides kollha bħala parti mill-formazzjoni tagħhom. Grazzi Doreen u Sergio tad-dedikazzjoni tagħkom.

1.11 ħloqna wkoll l-Auditing Team biex jevalwa l-proġett ta' Napli. Dan it-tim, magħmul minn Kevin Grech (Stripes), Anabel Mifsud (Sin Fronteras), Paul Mizzi (Jóvenes) u Amanda Muscat (Jóvenes), fassal pjan ta' azzjoni u bħalissa qed jistudja kif jista' jimplimenta dan il-pjan.

1.12 tlabna lil Daniel Buhagiar (Kbar) u Chris Formosa (Amistad) biex imexxu lill-ewwel edizzjoni ta' Fusion u nistgħu ngħidu li dawn daħlu għaliha b'ħafna dedikazzjoni u entużjażmu u r-riżultat deher. Grazzi minn qalbna.

1.13 Edmond Żammit Laferla (Kbar) aċċetta li jassumi r-rwol ta' Coordinator tal-Guide Group li flimkien ma' Juan Debono (Kbar) u Adrian Żahra (Jóvenes) li qed jassistuh, qed jaħdmu biex il-Guide Group ikollu l-appoġġ u l-formazzjoni meħtieġa. Grazzi ta' l-għajnuna tagħkom.

1.14 tlabna lil Doreen Mizzi (Sin Fronteras) biex tieħu r-rwol ta' segretarja biex tgħinna fl-amministrazzjoni tal-LC. Doreen ħadet post Marouska Micallef (Jóvenes) li talbet ir-riżenja minħabba l-impenji tagħha. Grazzi lil Marouska tas-servizz tagħha u lil Doreen tas-sapport tiegħek.

1.15 Geraldine Powell (Crossroads) aċċettat li tassumi r-rwol bħala Coordinator tan-*newsletter* tagħna 'Kurrenti' li tajjeb ngħidu li din l-inizjattiva issa ilha iktar minn sena bis-saħħa ta' Nathan Gatt (Amistad) u Diane Mifsud (Equinox). Proset lil dawn il-membri tal-Communications and Web Team, Konnekxins, tad-dedikazzjoni, talenti u ħin li jinvestu f'din in-*newsletter*. Grazzi tmur ukoll talli b'dedikazzjoni kbira tgħinu biex ĊAMYouths ikollha struttura elettronika li taqdi l-bżonnijiet tagħha.

1.16 ħtarna PDT-Napli ġdid biex jgħin fil-preparamenti tal-grupp li tiela' Napli fis-sajf li ġej. Dan huwa magħmul minn Fr. Karm Debattista mssp,

Doreen Saliba (Stripes), Agnes Cachia Picard (Sin Fronteras), Mark Busuttil (Equinox) u Claudio Cauchi (komunità ġdida – Napli). Grazzi talli dħaltu għal din l-inizjattiva u qed taħdmu biex tiffurmaw grupp b'saħħtu għal din l-isfida.

1.17 tlabna lil Robert Facciol (Crossroads) biex jieħu r-rwol ta' Coordinator għal SJH09 u dan aċċetta. Nieħdu din l-opportunità biex nirringrazzjaw lil Robert talli daħal għal din l-isfida. Flimkien ma' Robert nixtiequ li jkun hemm it-tieni Coordinator u bħalissa qed navviċinaw xi nies li naħsbu li għandhom dan il-potenzjal.

1.18 avviċinajna lil Audrey-Ann Vella (A-teens) u Sarah Pace (Equinox) biex jieħdu ħsieb il-koordinazzjoni taċ-ĊAMKamp 2009 u bi pjaċir kbir inħabbru li dawn aċċettaw. Grazzi. Bħalissa qed inkellmu xi membri biex jassumu r-rwol ta' Assistant Coordinator ħalli jgħin lil Audrey-Ann u Sarah.

1.19 tlabna lil Fr. Stephen Mifsud mssp biex ikun it-tielet mentor tal-grupp tal-Guides li qed imexxu l-komunitajiet il-kbar u dan laqa' l-istedina. Għalhekk issa għandna tliet (3) mentors li qed jagħtu sapport lil Guides fi gruppi żgħar u li jiltaqgħu fuq bażi regolari. Filwaqt li żewġ (2) gruppi ilhom li bdew xhur dan il-vjaġġ, dan it-tielet grupp issa jista' jibda l-mixja tiegħu. Dawn il-gruppi qegħdin mqassmin hekk:

- Fr. Martin Galea mssp huwa l-*mentor* ta' dawn il-Guides: Marie Claire Testa (Cubs), Sergio Morana u Stephanie Morana (Takara), Adrian Żahra u Audrey-Ann Vella (Nakama), Alan Camilleri Jnr. u Kenneth Muscat (Zero6);
- Fr. Frankie Cini mssp huwa l-*mentor* ta' dawn il-Guides: Doreen Saliba (Crossroads), Nathan Gatt u Gilbert Gauci (Equinox), u Juan Debono u Kenneth Fiteni (NRG); u,
- Fr. Stephen Mifsud mssp huwa l-*mentor* ta' dawn il-Guides: Tania Borg (Clusters), Darren Micallef (A-teens), Edmond Żammit Laferla (Amistad), Brian Gauci (Jóvenes), Fr. Karm Debattista (Sin Fronteras), u Alan Camilleri Snr. (Kbar u Stripes).

Nieħdu din l-opprtunità biex nirringrazzjaw lil mssp tas-sapport tagħhom f'dan l-aspett hekk importanti.

1.20 ġejna mitluba mill-mssp biex żewġ (2) rappreżentanti miċ-ĊAMYouths ipoġġu fuq il-'Forum Lajċi mssp' bl-għan li entitajiet li jaqgħu taħt l-mssp jiltaqgħu fuq bażi regolari u filwaqt li jsaħħu r-relazzjonijiet ta' bejniethom, jaħdmu fuq proġetti flimkien. Fil-fatt l-ewwel ħidma flimkien kienet il-Festa Pawlina fl-24 ta' Jannar 2009. Ir-rappreżentanti tagħna huma Renzo Kerr Cumbo (Jóvenes) u Brian Gauci (Jóvenes).

1.21 bħalissa qed naħdmu biex ikollna *pool* ta' *Individual Mentors* minn fejn il-Guides jistgħu jagħżlu u jiltaqgħu magħhom fuq bażi individwali u regolari sabiex jirċievu għajnuniet partikolari li jkollhom bżonn fir-rwol

kruċjali li dawn qed jassumu. S'issa xi nies li avviċinajna diġà aċċettaw filwaqt li oħrajn iridu jikkonfermaw.

## 2. Proġetti Partikulari

2.1 komplejna naħdmu fuq proposta kif il-premises taċ-Ċentru jistgħu jitranġaw u jaqdu iktar il-bżonnijiet tagħna ċ-ĊAMYouths. Minkejja li fassalna pjanta bħala proposta biex inressquha lill-Vigarju tal-mssp u l-Kunsill tiegħu flimkien ma' suġġerimenti kif il-post jista' jitmexxa u jinżamm aħjar għall-bżonnijiet ta' l-entitajiet kollha li jagħmlu użu miċ-Ċentru, u wkoll wasalna fi qbil biex nibdew nirranġaw kamra partikulari, kellna nieqfu minħabba li jista' jkun hemm pjanijiet oħra għaċ-Ċentru min-naħa tal-mssp. Din ħallietna ftit fid-dlam imma bħalissa qed nesploraw alternattivi oħra.

2.2 fil-fatt marbuta ma' dan il-ħsieb li kellna, f'isem iċ-ĊAMYouths applikajna għal fondi mill-KDŻ u l-Bank APS, u għalkemm il-proġett tagħna ma ġiex milqugħ, il-KDŻ tawna donazzjoni ta' €1500 biex jinxtraw f'apparat għall-uffiċċju: laptop, sound system, router għall-internet u printer-copier. Tajjeb li ngħidu li dan l-apparat qiegħed b'self permanenti għandna.

2.3 fassalna manwal ta' proċedura għall-*Coordinators* u l-*equipes* taċ-ĊAMKamp mibni fuq l-esperjenza ta' membri li kellhom dan ir-rwol fis-snin ta' qabel biex b'hekk niffaċilitaw ix-xogħol għaċ-ĊAMKamp li ġejjin. F'din il-ħidma kien hemm involuti Clint Tanti (li kien jagħmel parti mill-Clusters), Jonathan Spiteri (Clusters), Steve Falzon (A-Teens), Stephen Farrugia (NRG), Marie Claire Testa (NRG) – li kollha kienu assumew ir-rwol ta' ĊAMKamp *Coordinators* – u Kenneth Fiteni (f'isem l-LC).

2.4 ĊAMyouths kompla jibbenefika mill-ħafna opportunitajiet li joffru kemm l-EU kif ukoll l-iSKOP fejn jidħlu taħriġ u esperjenzi ta' skambju ma' żgħażagħ. Matul is-sena li għaddiet bbenefikaw diversi membri: Lorraine Galea (A-teens), Audrey-Ann Vella (A-teens), Steve Falzon (A-teens), Istivan Spiteri (Jóvenes), Marie Claire Testa (NRG) u Etienne Micallef (Jóvenes).

2.5 Juan Debono (Kbar) qed jaħdem biex l-Istatut jinqaleb għall-Malti. Il-ħsieb huwa li jinvolvi membri oħra li jinqalgħu biex jittraduċu mill-Ingliż għall-Malti – grazzi bil-quddiem lil dawk kollha li ser jagħtu s-sehem tagħhom.

2.6 għas-sitt sena konsekuttiva ĊAMYouths daħlet għall-proġett ta' Napli. Minkejja d-diffikultajiet li niltaqgħu magħhom, nistgħu ngħidu li Napoli08 marret tajjeb u ħalliet il-frott. Grazzi lill-voluntiera kollha li kienu parti minn din l-esperjenza.

2.7 għat-tieni sena ĊAMYouths ħadmet biex twettaq il-proġett ta' SJH fejn għal ħames (5) ġimgħat fassalna programm b'diversi attivitajiet edukattivi u ta' divertiment għat-tfal u adoloxxenti li jgħixu f'Dar San Ġużepp. Grazzi lil dawk kollha li taw sehemhom biex dan il-proġett ikun suċċess.

2.8 għat-tlettax-il sena konsekuttiva kellna ċ-ĊAMKamp li huwa appuntament fis-sena tagħna mistenni minn ħafna. Għalkemm dan l-avveniment kien miftuħ għall-membri kollha taċ-ĊAMYouths, il-kontenut ta' ĊAMKamp08 kien maħsub biex jolqot il-bżonnijiet tal-komunitajiet iż-żgħar. Nistgħu ngħidu li l-parteċipazzjoni kienet rikka f'ħafna aspetti u għal darb'oħra ċ-ĊAMKamp ħalla togħma tajba u entużjażmu li jqawwi l-qalb. Grazzi ĊAMKampisti!

2.9 għal-ewwel darba organizzajna l-Fusion09 għall-komunitajiet il-kbar (Kbar, Stripes, Sin Fronteras, Jóvenes, Amistad, A-teens u Clusters) bl-għan li jolqot iktar il-bżonnijiet ta' membri li ilhom f'ĊAMYouths. Dan kien bżonn li ilu jinħass għax sfortunatament kellna membri li ma kienux qed iħossuhom parti mill-organizzazzjoni tagħna. Kienet għalhekk xewqa tagħna li Fusion09 iservi bħala riavviċinament ta' dawn il-membri lejn ĊAMYouths u naħsbu li f'dan l-aspett ħriġna lkoll sodisfatti. Grazi lil dawk kollha li kienu parti minn din l-esperjenza.

2.10 minn Fusion09 twieldet l-inizjattiva li l-komunitajiet il-kbar li attendew għal dan l-avveniment tqassmu biex darba fix-xahar – l-aħħar Sibt tax-xahar – komunità minnhom tieħu ħsieb tanima l-quddiesa taċ-ĊAMYouths u torganizza social għal wara. Dan sar biex inkomlu nsaħħu r-relazzjonijiet fi ħdan l-organizzazzjoni tagħna. Fil-fatt '*Keeping in Touch*' ġie inawgurat nhar it-28 ta' Marzu. Dan ma jfissirx li din il-Quddiesa mhux ser tkun miftuħa għall-bqija tal-komunitajiet; anzi huma milqugħa u jekk jixtiequ jistgħu jissieħbu anke huma biex janimaw il-Quddies xi darba.

2.11 f'Settembru li għadda tajna bidu għall-proċess biex naraw jekk l-isem taċ-ĊAMYouths għandux jinbidel jew le u dan minħabba l-fatt li l-isem stess m'għadux jirrifletti n-natura u l-istruttura tal-komunitajiet tagħna. Aħna ħassejna li din hija deċiżjoni mportanti ħafna u li titlob ħafna ħsieb u serjetà, u għalhekk xtaqna li ninvolvu lill-komunitajiet kollha biex jieħdu sehem attiv, kif fil-fatt għamilna. Kif ser naraw iktar tard, l-għażla ta' ismijiet alternattivi ma tantx ħarġet ċara u aħna bħala LC m'aħniex konvinti li għandna mmorru għal isem ieħor minn dawk li kienu proposti. Huwa għalhekk li l-LC ħa jressaq proposta biex jew għalissa jinżamm l-istess isem jew inkella nerġgħu niftħu l-proċess għal ismijiet aħjar!

2.12 hija xewqa tagħna li nibdew niġbru l-istorja ta' ĊAMYouths u l-memorji kollha ta' minn mindu twieled iċ-ĊAMYouths. U fiċ-ĊAMKamp li għadda Juan Debono (Kbar), Doreen Saliba (Stripes) u Brian Gauci (Jóvenes) ħarġu b'dan l-entujażmu u bit-tir li jaħdmu fuq dan il-proġett li ovjament ser jirrikjedi ħafna enerġija u l-involviment ta' ħafna nies.

## 3. Komunitajiet u Membri fi ħdan iċ-ĊAMYouths

3.1 illum ĊAMYouths iħaddan fih sittax (16)-il komunità: Kbar, Stripes, Sin Fronteras, Jóvenes, Amistad, Clusters, A-teens, NRG, Equinox, Crossroads, Nakama, Zero6, Takara, Cubs, komunità ġdida-SPMC u komunità ġdida-Napli.

3.2 għandna uħud mill-Guides li qed imexxu komunità waħedhom u li x-xewqa tagħhom hija li jkollhom it-tieni Guide. Filwaqt li aħna nifhmuhom u nixtiequ ngħinuhom bħalissa ninsabu ftit msallbin.

3.3 il-fatt li dejjem qed nikbru huwa ta' pjaċir għalina imma fl-istess ħin hemm l-inkwiet li bħalissa m'aħniex insibu Guides biżżejjed u kull ma jmur iż-żmien din l-isfida ser tkompli tikber. Hija xewqa tagħna li nkomplu nikbru u ngħaddu l-prinċipji u mod t'għixien tagħna lil membri ġodda imma fl-istess ħin konċernati kemm nistgħu nifilħu bħala organizzazzjoni. Nifhmu li l-formazzjoni taż-żgħażagħ hija delikata ħafna u titlob ħafna responsabbiltà u għalhekk hija x-xewqa tagħna li jkollna membri lesti li jidħlu għall-impenn kbir u mportanti bħal dak tal-Guide. Nieħdu l-opportunità biex minn hawn nirringrazzjaw lill-Guides kollha tas-sehem tant siewi tagħhom.

3.4 kellna xi persuni li urew interess li jissieħbu fiċ-ĊAMYouths u fil-fatt dawn ngħaqdu ma' komunitajiet partikolari li kien f'posizzjoni li jilqgħu membri ġodda.

3.5 hemm gruppi ta' żgħażagħ li jixtiequ jingħaqdu magħna fix-xhur li ġejjin, fosthom grupp tal-Form 5 mill-iskola SPMC, grupp ta' Form 5 minn skola tat-tfajliet, u grupp mill-Oratorju San Domeniko Savio ta' Birkirkara. Għalhekk nitolbukom tgħinuna f'din l-isfida li nsibu Guides kemm għall-komunitajiet preżenti (u li ser jingħataw prijorità) kif ukoll għal dawk il-gruppi li potenzjalment jingħaqdu magħna.

## 4. Pjanijiet għall-ġejjieni:

4.1 inkomplu noffru s-sapport tagħna biex il-Guide Group – li llum hemm fih tmintax (18)-il Guide – ma jitlifx l-identità tiegħu u jsib l-aħjar mod kif jista' jkun ċellola ta' sapport u formazzjoni għall-Guides u l-bżonnijiet diversi u partikulari ta' kull wieħed u waħda minnhom. Huwa għalhekk li ser inkomplu nħeġġu biex il-Guides jingħataw it-taħriġ meħtieġ u jirċievu l-għajnuna meħtieġa permezz ta' mentoring fi gruppi żgħar u b'mod individwali.

4.2 propju għall-istess għan bħalissa għaddejjin bi pjan biex bħala LC niltaqgħu ma' kull Guide fuq bażi individwali biex naraw x'inhuma l-bżonnijiet tiegħu/tagħha u naraw kif nistgħu ngħinuhom fis-servizz li huma qed jagħtu.

4.3 inkomplu niddjalogaw mal-Vigarju tal-mssp f'Malta u l-Kunsill tiegħu biex ikollna premises aktar xierqa għall-użu taċ-ĊAMYouths – inħossu li dan huwa tir importanti ħafna għax nemmnu li dan iġib sens ikbar ta' *ownership* u *belonging*.

4.4 niffinalizzaw il-proċess ta' esplorazzjoni jekk l-isem ta' ĊAMYouths għandux jinbidel jew le.

4.5 nwasslu fi tmiem l-istudju li qed isir biex naraw jekk ĊAMYouths għandiex tirreġistra bħala NGO.

4.6 nikkonkludu l-evalwazzjoni li qed issir fuq il-proġett ta' Napli u naħdmu fuq dak li joħroġ minnu.

4.7 niffinalizzaw il-*policy* fuq opportunitajiet u proġetti offruti minn entitajiet oħra. Dan sabiex niżguraw li kulħadd ikollu opportunità indaqs li jipparteċipa u jibbenfika u li ma jkunx hemm trattament preferenzjali lejn ħadd.

## Konlużjoni

Nixtiequ nagħlqu billi ngħidu li f'idejna għandna teżor kbir. U jkun ħażin għalina jekk ma napprezzawhx u ma nibżgħux għalih. Naħseb li lkoll taqblu li ĊAMYouths huwa vjaġġ li lkoll qegħdin fih, u kif naħseb ilkoll taprezzaw dan il-vjaġġ fih ħafna ħajja. Għandna ħafna nies tajbin u persuni sbieħ li f'ħafna modi qed jagħtu l-ħin, l-enerġija, l-idejat, u jaqsmu t-talenti tagħhom biex il-ħajja tkompli tikber mhux biss fil-komunitajiet separati u fiċ-ĊAMYouths bħala organizzazzjoni waħda, imma wkoll biex naslu għand min hu fqir u fil-bżonn. Dan huwa teżor li Alla feda f'idejna. Ejjew nibżgħu għalih u ma noqtlux il-ħajja li nibtet u qed tikber. Din hija r-responsabbiltà tagħna lkoll u mhux ta' xi wħud iktar minn ta' oħrajn, jew ta' entitajiet iktar minn ta' oħrajn. Jekk hawn xi ħadd li jħossu mhux parti jew ma sabx postu, ma jiddejjaqx javviċinana u jgħidilna fejn jixtieq jgħin. Hemm ħafna xogħol xi jsir. Iċ-ĊAMYouths huwa tiegħi daqs kemm huwa tiegħek. Tiddejjaqx tagħmlu tiegħek għax inkella nkunu qed nitilfu l-iskop kollu. Kif tafu intom ilkoll iċ-ĊAMYouths illum kiber mhux ħażin...b'sittax (16)-il komunità u b'173 membru, huwa faċli wieħed jintilef fost il-folla. Peró jekk tixtieq, fiċ-ĊAMYouths hemm post għalik!

Ejjew ħalli flimkien nwasslu sat-tmiem dak li Alla feda f'idejna. Ejjew inkomplu nkunu xempju ta' Knisja li hija ħajja u vera u li tasal għand ħaddieħor. Grazzi lilkom ilkoll u lil kulħadd talli għażiltu li timbarkaw f'dan il-vjaġġ.

Nawguralkom lkoll il-vjaġġ it-tajjeb!

29 ta' Marzu 2009